Tamiet ġodda ġejjin mill-kurdun ta' tarbija ġdida

Ir-riċerka fil-qasam tas-saħħa dejjem twasslilna aħbarijiet pożittivi u innovattivi, bit-tama li jinstabu soluzzjonijiet għal diversi mard jew kondizzjonijiet. DR RENALD BLUNDELL huwa konsulent fil-qasam tal-*istem cells*, metodu innovattiv biex fil-futur qarib jinstabu tamiet ġodda fil-qasam tas-saħħa. RAMONA PORTELLI tkellmet miegħu dwar din is-sejba, u x'futur jistgħu joffru dawn l-*istem cells*.

www.ramonaportelli.com

ramonaportelli@hotmail.com



Meta titwieled tarbija, il-kurdun tagħha li jkun ilu jagħti l-ħajja u jitma lit-tarbija, għal disa' xhur sħaħ jintrema. Ftit huma dawk li jafu li dan il-kurdun stess fih numru ta' ċelloli speċjalizzati li jissejħu *stem cells* u li dawn iċ-ċelloli minnhom infushom jekk jiġu maħżuna jistgħu jsalvaw il-ħajja kemm tat-tarbija stess, kif ukoll ta' persuni li jkunu kompatibbli ma' dawn iċ-ċelloli.

Interessajt ruħi sew f'din ix-xjenza u b'hekk ikkuntattjajt u ltqajt ma' Dr Renald Blundell sabiex jgħaddili aktar informazzjoni, li ninsab konvinta li fil-futur qarib tista' ssalva aktar persuni minn xi mard u li tant qed ikidd ħafna nies.

Dr Renald Blundell, li huwa konsulent fil-qasam tal-*istem cells* kellimni dwar is-servizzi li joffri lill-ġenituri dwar il-possibiltà li jżommu dawn iċ-ċelloli f'funzjoni multipla li tant huma uniċi u ta' importanza kbira.

Deċiżjoni għaqlija qabel ma titwieled tarbija

Fil-fatt Dr Blundell beda jispjegali li d-demm tal-kurdun f'Malta ilu jiġi maħżun għal dawn l-aħħar ħames snin. "Ħafna mill-Maltin li speċjalment ikunu qed jistennew tarbija ġejja, jafu b'dan ir-riżors naturali ta' *stem cells* u jfittxu aktar informazzjoni fuqu, u diversi pazjenti jiddeċiedu li jaħżnu dawn iċ-ċelloli."

Minn ftit ġimgħat ilu, f'Malta, beda jiġi offrut is-servizz li barra d-demm tal-kurdun, anke biċċa mill-kurdun stess tiġi maħżuna. Mitlub jispjegali eżattament kif timxi din il-proċedura, Dr Blundell weġibni, "il-proċedura hija sempliċi u l-omm li tkun qed tistenna t-tarbija, jew biex ngħid hekk il-mara tqila, tingħata l-kit tqabel twelled u waqt il-ħlas it-tabib, *midwife* jew *gynaecologist* iżomm madwar sitta sa għaxar ċentimetri ta' dan il-kurdun".

Kompla jispjegali li l-kurdun fih numru ta' ċelloli li jissejħu *mesenchymal cells*. "Dawn iċ-ċelloli huma tip ta' ċelloli semispeċjalizzati, jipproduċu ħafna *growth factors* kif ukoll sustanzi oħra biex iċ-ċelloli jfaqqsu u jimmultiplikaw aħjar. B'hekk f'każ ta' terapija meta dawn it-tip ta' ċelloli jiġu mħallta ma' *stem cells* li jittieħdu mid-demm tal-kurdun, jiġifieri CD34+ *cells*, ir-riżultat ta' fejqan ikun ferm aktar aħjar."

Dr Blundell saħaq miegħi li din hija opportunità unika biex wieħed iżomm dawn it-tip ta' ċelloli li aktar tard fil-ħajja jistgħu jintużaw biex isalvaw ħajja ta' bniedem. "Huwa importanti li dawk li jkunu qed jistennew xi tarbija jiċċekkjaw u jaqraw aktar fuq dan is-sors ta' ċelloli daqshekk importanti u jikkunsidraw serjament li jaħżnuhom," żied jgħidli entużjast dwar dan l-esperiment.

Esperimenta fuq it-tifla tiegħu stess

Ta' min jgħid li Dr Blundell huwa wieħed mill-ftit xjentisti madwar id-dinja li ħadem direttament fuq dawn it-tip ta' ċelloli u għalkemm dan is-servizz għadu kif beda jiġi offrut minn Malta, huwa kien ħażen dawn it-tip ta' ċelloli f'Settembru tas-sena 2007 meta kienet twieldet it-tifla tiegħu Cayleen.

Dr Blundell jirrappreżenta l-akbar kumpannija fl-Ewropa ta' *stem cells*. Iċ-ċelloli jiġu maħżuna għal għoxrin sena u jinżammu f'temperatura ta' 196°C jiġifieri fil-*vapour phase* ta' *liquid nitrogen*. Din il-kumpannija s'issa żammet aktar minn 140,000 kampjun minn madwar l-Ewropa. Hija rrappreżentata f'36 pajjiżi differenti u għandha laboratorji *state of the art* fil-Belġjum, il-Ġermanja u United Arab Emirates.

Il-kumpannija li jirrappreżenta Dr Blundell hija waħda mill-Founding Members tal-ITERA *(International Tissue Engineering Resaearch Association)* li huwa forum ta' xjentisti u riċerkaturi li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jistudjaw iċ-ċelloli kif ukoll metodu differenti kif dawn iċ-ċelloli jistgħu jintużaw għall-kura.

Din il-kumpannija ġiet ukoll mogħtija fondi mill-Unjoni Ewropea fi proġett li jissejjaħ CRYSTAL li fih ġew żviluppati tekniċi ġodda ta' *cyro preservation* jiġifieri ta' kif ċelloli u *tissues* differenti jistgħu jiġu priservati biex finalment jiġu użati fuq pazjenti għal trattament.

"Hemm numru ta' trattamenti li jistgħu jintużaw għal diversi mard fosthom dijabete, *multiple sclerosis, lymphoma, leukemia, Alzheimer's disease, celebral palsy* u *spinal cord injury*. Dawn it-trattamenti nistgħu ngħidu li għadhom fuq bażi esperimentali, imma diversi pazjenti diġà qed jużaw din it-tip ta' teknoloġija għal trattment u diġà qed jaraw progress u benefiċċju," sostna Dr Blundell.

Futur għaqli għal kulħadd

Fl-opinjoni tiegħu Dr Blundell jgħid li din it-tip ta' teknoloġija hija l-futur ta' kif għandna nħarsu lejn il-bażi tal-mard biex nifhmuh aħjar, kif ukoll ta' kif infejqu u nittrattaw diversi kondizzjonijiet. "Kull min għandu l-opportunità jaħdem ma' dawn it-tip ta' ċelloli bħalma fortunatment naħdem jien, hija *area* innovattiva, ġdida, ta' eċitament kbir li minnha qed naraw ħafna progress u numru ta' pazjenti li qabel ma kellhom l-ebda tama għall-fejqan tagħhom, issa qed jibbenefikaw konsiderevolment b'din it-tip ta' teknoloġija."

Żied jgħidli li meta ċ-ċelloli jkunu taħt kondizzjonijiet ideali u jkunu ġabu s-sinjali speċifiki minn ċelloli oħrajn, dawn jistgħu jiddividu u jispeċjalizzaw biex b'hekk jiffurmaw parti minn organi oħrajn.

B'hekk dawn iċ-ċelloli jkunu jistgħu jbiddlu ċ-ċelloli l-oħrajn li jkunu mweġġgħa jew difettużi jew mejta f'organi differenti u b'hekk l-organu jista' jaħdem tajjeb qisu ġdid.

Dr Blundell kompla jispjegali b'aktar entużjazmu fuqu, "L-istudju fil-qasam tal-*istem cells* huwa vast ħafna u skont l-opinjoni tiegħi għadu f'fażi li nistgħu nsejħulha infantili. Il-mirakli li jkunu qed isiru fl-ewwel disa' xhur tal-ħajja, jiġifieri minn ċellola waħda tiġi t-tarbija b'dawk iċ-ċelloli u organi kumplessi u varjanti kollha jaħdmu b'koordinazzjoni kbira li huwa l-qofol tal-istudji prinċipali u li minnu jista' jiġi mfejjaq jew li minnu nisperaw li fil-futur qrib jista' jiġi mfejjaq aktar mard li preżentament m'għandniex kura għalihom," temm jgħidli Dr Blundell.